MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tad-29 ta' April, 2004

Talba Numru. 3009/2002

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha it-Tabiba Marthese Ellul u l-istess Tabiba Marthese Ellul**

**Vs**

**Carmelo Busutil**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Dicembru 2002 fejn is-socjeta' attrici titlob sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm625.50 (sitt mija u hamsa u ghoxrin Lira Maltin u hamsin centezmu) rapprezentanti ta' danni sofferti mill-attrici waqt incident awtomobilistiku fil-Marsa.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Il-konvenut huwa debitur tal-atturi fis-somma ta’ sitt mija u hamsa u ghoxrin Lira Maltin u hamsin centezmu (Lm625.50) u dana in kwantu ghas-somma ta’ Lm600.50 lis-socjeta’ attrici assikuratrici u in kwantu ghas-somma ta’ Lm25.00 lill-attrici it-Tabiba Marthese Ellul rapprezentanti danni li sofrew meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru ABI 015 fil-25 ta’ Ottubru 2001 gewwa il-Marsa habat mall-vettura numru MED 076 propjeta’ tat-Tabiba Marthese Ellul u ikkaguna danni f’din l-istess vettura.

Dan l-incident huwa ghalih unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat.

Bl-ispejjez, komprisi dawk ta’ l-Ittra Ufficjali datata 29 ta’ Mejju 2002 u tal-parir (Lm15.00) kontra l-konvenut u ta’ Ittra Ufficjali ohra ipprezentata kontestwalment ma’ dan l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-imghax kontra l-istess konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad li:

It-talba qed tigi kontestata bl-ispejjez kontra l-atturi stante li l-konvenut ma jahti xejn ghall-incident mertu ta’ din il-kawza u ghalhekk ma huwa responsabbli ghal ebda danni allegatament sofferti mil-atturi.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

Sema’ x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi din il-habta hija sintomatika fejn vettura ziemel tigbed trailer u tahbat ma vettura fuq ix-xellug taghha. Aktar u aktar meta l-hin ta’ l-incident huwa rinomat ghal frekwenza tal-vetturi utenti fit-triq, fi triq arterjali bhal dik in ezami.

Aktar u aktar meta l-istess konvenut ried jikser fuq ix-xellug tieghu biex jibdel id-direzzjoni tieghu. Precizament fejn ried jikser kienet ghadejja l-attrici bil-vettura taghha.

In-nuqqas tal-konvenut jikkonsisti fi tlett (3) punti:

i) in vista tal-entita tal-vettura tieghu, messhu kien jokkupa l-karreggjata ta' gewwa ferm qabel l-incident u mhux ihalli ghall-ahhar.
ii) Aktar u aktar meta ried jikser fuq ix-xellug ossia kien ikollu jinvadi l-karreggjata fuq ix-xellug tieghu u jibdel id-direzzjoni ghal Hal Qormi.
iii) Il-fatt li jinxtel mezz ta' indikazzjoni li jiru kambjament fid-direzzjoni – l-indicator – ma jezonerax lix-xufier milli jiehu prekawzjonijiet ohra u ulterjuri qabel ma jdur. Irid jara li t-triq hija libera, mhux ta' perikoli ghalih u ghal terzi, u jaghti l-indikazzjoni ferm qabel il-manuvra.

Mix-xhieda stess taz-zewg (2) xufiera, il-konvenut jirrizulta li dan ma ghamilhomx.

Relattivament ghad-danni mitluba, ma saret l-ebda kontestazzjoni fuqhom u qed jigu akkolti fis-sens li meta jinghaddu, jammontaw ghal sitt mija u erbatax-il Lira (Lm614) pagati li minnhom jitnaqqsu hamsa u ghoxrin Lira (Lm25) tal-attrici.

Jiddeciedi billi fil-waqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' it-talbiet attrici, jiddikjara lil konvenut unikament responsabbli ghall-incident, u jikkundannah ihallas is-somma ta' sitt mija u erbatax-il Lira (Lm614) lill-atturi cioe li hames mija disa' u sebghin (Lm579) lis-socjeta' attrici u hamsa u ghoxrin Lira (Lm25) lill-attrici, bl-ispejjes u interessi mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------